TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 467/11/GZ

**Elton Buhagiar**

**vs**

**Gilbert Schembri**

Illum 6 ta' Gunju 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-4 ta' Novembru, 2011 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' disgha mija u hamsin Ewro (€950.00), rapprezentanti l-prezz ta' 'laptop', liema 'laptop' inha ghat-tiswija ghand l-intimat, pero' ma ssewwiex tajjeb; u fejn l-intimat ghamel kontro-talba ghall-hlas ta' tliet mija u sittin Ewro (€360.00) dovuti lilu ghax-xogholijiet ta' tiswija.

L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub, kif ukoll kontro-talba bil-miktub ghal din it-talba, u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent, li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata ta' l-intimat, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

F'Mejju 2011 huwa kien ha l-'laptop' tieghu ghat-tiswija ghand 'Xisvo Solutions' ta' Valley Road, Birkirkara, ghaliex kellu problema fil-parti tac-'charging'. Meta r-rikorrent kien iqabbad il-'laptop' mac-'charger', gieli kien jiccargja u gieli le, u meta kien icaqlaqlu l-'cable' tac-'charger' kien jerga' jiccargja normali. Wara ftit granet, l-intimat kien tah lura l-'laptop' bil-problema tac-'charging' solvuta sa ftit sieghat, ghaliex fl-istess gurnata, filghaxija, ir-rikorrent sab li l-problema kienet regghat tfaccat. Minn barra din il-problema, ir-rikorrent sab li kellu wkoll l-iswitch tal-'Wifi' imwahhal u partijiet mill-'laptop' ma kienux maghluqin sew. Ghalhekk, ir-rikorrent kien

rega' ha l-'laptop' lura ghand l-intimat u qallu bil-problema li kien sab. Minhabba l-problema tac-'charging', l-intimat kien qallu li kien ser jerga' jiccekjah, u fuq l-iswitch tal-'Wifi' kien qallu li kien halla xi 'part' barra. Wara xi granet, l-intimat kien informa lir-rikorrent illi l-'laptop' kellu bzonn 'mainboard' gdida. Ir-rikorrent ma setghax jifhem u ma emminx li din il-problema intermittenti tac-'charging' kienet gejja mill-'motherboard', u ghalhekk huwa talab li jinghata l-'laptop' lura sabiex jiccekkja ezatt xi gralu l-'laptop'. Ir-rikorrent kien ha l-'laptop' lura minghand l-intimat, u meta kien ipprova jixghalu ma kienx xeghel. Huwa kien qal lill-intimat b'din l-affari, fejn l-intimat kien ammetta li l-'laptop' ma kienx qed jixghal u li kellu bzonn 'motherboard' gdida biex jerga' jixghal. Bil-problema li kellu l-'laptop', dejjem kien jixghal u jahdem sew, izda r-rikorrent kellu joqod icaqlaqlu l-'cable'tac-'charger'. Jigifieri, il-'laptop' tar-rikorrent minn problema intermittenti tac-'charging', wara li hadu ghand l-intimat ghat-tiswija, inghatalu lura l-'laptop' ma jixghalx u skopra wkoll li l-iswitch tal-'Wifi' kien imkisser u b'numru ta' viti nieqsin u klipp tal-plastik imkissra. Minn dak iz-zmien 'l hawn, ir-rikorrent kellu jixtri 'laptop' gdid ghaliex ma setghax jistenna iktar minghajr 'laptop'. Il-'laptop' il-gdid swieh sebgha mija tmienja u tletin Ewro (€738.00) u issa la ghandu 'laptop' gdid, ir-rikorrent qed jitlob li jiehu l-flus lura tal-'laptop' in kwistjoni minghand l-intimat.

**L-intimat issottometta bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrent kien gab 'laptop' tad-ditta 'Sony Vaio' ghandhom ghat-tiswija, fejn kien informahom illi kellu problema ta' 'charging'. Mill-ewwel kien informahom ukoll bil-klips tal-plastik fejn jodhol il-pin tac-'charger' u bil-buttuna tal-plastik biex tixghalu, li kienu maqlugha. L-intimat, skond il-procedura normali, kien fetah il-'laptop' u ra mill-ewwel il-port maqsum, u z-zewg klips imsemmija. Sabu wkoll 'wire' li jghaddi d-dawl ghal go l-'mainboard' maqtuh. Din il-problema hija komuni hafna fuq dawn il-'laptops' tal-marka 'Sony' u huma mhux l-ewwel darba li sewwew 'laptops' b'dan id-difett.

Ir-rikorrent kien mar il-'workshop' waqt li l-'laptop' kien qed jigi msewwi u kien ra b'ghajnejh il-'laptop' imzarma. Kienu spjegaw lir-rikorrent, illi kien hemm zewg possibiltajiet ta' x'setghu jaghmlu: jew li jgibu il-plastik klips u l-parti tal-metal fejn jehlu l-klips minn barra (fejn ikollhom ibiddlu parti mill-'body'), jew li jirrangaw u jwahhlu l-klips fejn jidhlu, b'kimika specita' glue. Ir-rikorrent kien qalilhom li jaghzel it-tieni, u ghalhekk hekk ghamlu. Meta l-'laptop' kien lest, l-intimat kien irritornah lir-rikorrent, fejn urieh li c-'charger' kien qed jahdem u l-'laptop setgha juzah. Ir-rikorrent kien sodisfatt bix-xoghol li kienu ghamlu, tant illi hallashom.

Pero', wara ftit, ir-rikorrent kien rega' mar lura ghandhom fejn qal li kellu l-istess problema ta' qabel. L-intimat kien talbu jhalli l-'laptop' ghandhom biex jiccekjawh. Meta fethuh, indunaw illi r-rikorrent kien rega' qaccat il-plastik klip ta' fejn jidhol ic-'charger'. Sabu wkoll li l-'cable' tad-dawl, li mill-'power supply' jidhol ghal go l-'mainboard', kien ikkaguna 'power short' fuq il-

'mainboard' tant li din spiccat mahruqa. Skond l-esperjenza ta' l-intimat, dan kien gara jew ghaliex ingibed bil-goff, ghal xi raguni, il-'cable' tac-'charger', jew il-'laptop' kien qala' daqqa fuq il-parti ta' fejn jidhol il-'cable' tac-'charger'. Dawn joholqu hsara u jsir kuntatt bejn il-'wires' ta' go l-'cable'. Ir-rizultat huwa 'electric short'.

L-intimat kien informa r-rikorrent b'dak li sab u li riedet tinbidel il-'mainboard'. Ir-rikorrent ma kienx ha pjacir u b'rabja kien qal lill-intimat biex jaqbdu l-'laptop' kif inhu sabiex jiehdu ghal-'second opinion' ghax ma kienx qed jemminhom. Ghalhekk, l-intimat kien rega' rama' l-'laptop' kif kien biex ikun jista' jgorru u kien hadu fejn kien iddiregieh ir-rikorrent. Wara xi gimghat, ir-rikorrent kien baghat ghall-intimat u qallu li l-'laptop' mhux qed jiccargja, meta l-intimat kien diga' nformah b'din il-problema, u kien qallu wkoll li kien hemm xi viti nieqsin, in fatti, dawn il-viti li jammontaw ghal hamsa (5) qieghdin ghand l-intimat pero' r-rikorrent ma kienx tah cans jerga' jitfaghhom f'posthom. L-intimat kien rega' pprova jispjega lir-rikorrent bil-problema u l-kagun u x'tista tkun is-soluzzjoni, izda r-rikorrent ma kienx tah cans u ansi kien qal lill-intimat biex jitlaq mill-hanut tieghu.

L-intimat ezebixxa zewg (2) ritratti li juru il-port maqsum u l-'wire' tad-dawl ghal go l-'mainboard' maqtuh, u cioe' l-istat originali ta' kif kien il-'laptop' in kwistjoni meta r-rikorrent hadu ghandu ghat-tiswija l-ewwel darba.

**Fil-kontro-talba tieghu, l-intimat issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa qed jitlob is-somma ta' tliet mija u sittin Ewro (€360.00) ghaliex, sabiex ikun jaf x'kienet il-problema tal-'laptop' kellu bzonn tmientax (18)-il siegha 'testing, 'assembling', kif ukoll 'researching', li dawn kollha tilifhom mill-but tieghu.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghhu bil-miktub, fejn stqarr illi huwa kien ha l-'laptop' tieghu ghand l-intimat minhabba problema ta' 'charging', izda l-intimat kien informah li kienet problema fil-'motherboard'. Zied jghid illi l-'laptop' kien ilu ghandu ghal sentejn biss, u li kien xtrah mill-Amerika.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi l-intimat fix-xhieda guramentata tieghu kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub, u zied jghid illi dak il-'laptop' ilu fis-suq ghal sitt (6) snin. Meta fethu, kien gab lir-rikorrenti jarah u kien avzah li l-ahjar kien li jinbidel il-'motherboard' li l-prezz taghha kienet ta' tliet mitt Ewro (€300.00).

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-fatt illi ma ngabet l-ebda prova da parti tar-rikorrent rigwardanti l-prezz tal-'laptop', billi ma giet ezebita l-ebda tip ta' rcevuta, minn liema kien jirrizulta l-prezz u d-data ta' meta nxtara l-'laptop', u flimkien man-nuqqas ta' kredibbilita' da parti tar-rikorrenti, qed jichad it-talba tar-rikorrenti fuq nuqqas ta' provi. It-Tribunal, qieghed jichad ukoll, fuq nuqqas ta' provi, il-kontro-talba ta' l-intimat, u dana specjalment fid-dawl illi l-intimat ma kien qatt gibed l-attenzjoni tar-rikorrent ghal tali spejjez billi fl-ebda stadju ma kien hariglu xi tip ta' kont, u lanqas ma gie ezebit kont quddiem dan it-Tribunal; B'dan illi kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**